**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 535/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Francesco Casarini**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Francesco Casarini**, iben Giovanni Casarini u Sandra nee' Cassar, imwieled fis-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru 1998 u residenti f'"Fontana Candida", Triq Wistin Camilleri, Rabat, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 1399(G) talli fix-xahar u l-ġranet ta' Lulju 2024 u fit-tnejn (02) ta' Awwissu 2024 għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12:30hrs) f' dawn il-Gżejjer:

(1) bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Elza Casarini biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;[1]

(2) ġab ruħu b'mod li ta fastidju lill-vittma Elza Casarini;[2]

(3) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Elza Casarini.[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Elza Casarini skond l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tqis dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti kollha preżentati;

Ikkunsidrat;

---

[1] Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 251A(1)(a) tal-Kap. 9
[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: il-parte civile u l-akkużat huma miżżewġin u għandhom tifel ta' sentejn. Kienu ilhom f'relazzjoni għal dawn l-aħħar tlett (3) snin u kienu iżżewġu sentejn ilu. Ir-relazzjoni tagħhom pero qatt ma ħadet ruħ anke minħabba l-problema tal-abbuż tad-droga u tax-xorb da parti tal-akkużat. Il-partijiet kienu qegħdin jgħixu separatament; iżda l-akkużat kien qiegħed imur fid-dar tar-residenza tal-parte civile biex ikollu x'jaqsam magħha. Il-parte civile kienet minn xi daqqiet tirrifjuta u dan kien wassal sabiex l-akkużat jirrabbja u juri atteġġjament vjolenti b'mod li kien inissel sensazzjoni ta' biża' fil-parte civile li sejra tintuża vjolenza kontra tagħha. L-akkużat kien wkoll qed jirrabbja mal-parte civile in vista li hija talbet għas-support lic-Child Protection Services għar-rigward l-wild li hija u l-akkużat għandhom bejniethom. Is-sitwazzjoni bejniethom eskalat fl-aħħar ta' Lulju 2024 sakemm imbagħad fit-tnejn (2) ta' Awissu 2024, il-parte civile għamlet rapport mal-Pulizija u telqet mid-dar tar-residenza fejn hija kienet qed toqgħod, liema dar kienet qiegħda tiġi provduta mill-familjari tal-akkużat.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9</u>**

Fis-sentenza fl-ismijiet: ***Il-Pulizija vs. Guido Mizzi***,[4] il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet spjegat li:

[4] Deċiża fid-29 ta' Marzu 2023.

*"biex jissussisti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm course of conduct, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiesgħa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu."*[5]

Kif senjalat aktar qabel f'din is-sentenza, l-akkużat għandu problema ta' abbuż mid-droga, liema problema waslet għat-tkissir tal-familja tiegħu tant li illum il-partijiet jinsabu għaddejjin minn process ta' separazzjoni. Għalkemm il-problemi bejniethom kienu ilhom għaddejjin – infatti s-

[5] Paġna 19 tas-sentenza.

social worker Romina Portelli tixhed li hija ilha issegwi lill-parte civile dawn l-aħħar sentejn – jidher li s-sitwazzjoni eskalat f'Lulju u fl-ewwel jiem ta' Awissu ta' din is-sena. Il-parte civile insistiet li hija tgħix weħidha minħabba l-vizzju tad-droga li ħakem lill-akkużat. Madanakollu l-akkużat kien xorta qiegħed imur fir-residenza tagħha sabiex ikollu x'jaqsam magħha sesswalment. Kien hemm drabi fejn il-parte civile kien ikollha taċċetta kontra qalbha li jkollha x'taqsam miegħu fi sforz sabiex l-akkużat jżomm kalm u ma jġibxu ruħu b'mod li jbeżża' lil ibnu stess. Iżda meta hija kienet qed tirrifjuta, l-akkużat imbagħad kien jispiċċa jirrabbja minħabba tali rifjut u bl-atteġġjament tiegħu jniżżel biża li tista' tintuża vjolenza kontra tagħha.

Il-parte civile issemmi kif f'okkażżjoni minnhom l-akkużat beda jkisser l-affarijiet. Waqt argument li huma kellhom quddiem id-dar tar-residenza fejn il-parte civile kienet tirrisjedi, l-akkużat kisser siġġu żgħir li kien juża ibnu minuri u anke rema' lejn nofs it-triq flixkun tal-ilma ta' ibnu stess. Dan kollu kien akkumpanjat minn għajjat, tant li kemm l-parte civile kif wkoll binha beżgħu mill-akkużat.[6] F'dan il-kuntest wkoll l-akkużat hedded lill-parte civile li huwa kien sejjer joqtolha jekk hi tipprova tieħdu l-Qorti. Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru 2024, il-parte civile spjegat is-segwenti wara li ipprżentat xi ritratti tat-tkissir li għamel l-akkużat:

[6] Fol. 22 tal-proċess.

*"The Court: The witness is exhibiting a photo showing messages which is being marked as document EC1, photo document EC2, another photo document EC3, and another series of messages marked as document EC4.*

*The Court: So, the photos which you are exhibiting showing a laundry basket and a chair, what do you want to show by filing these photos?*

*The witness: Because that he wanted sexual contact with me, I used to tell him, "I do not want," then he was getting very angry, he was shouting, he spit on my face, then he went and he punched the chair of my son, and my son start crying…*

*The Court: And he broke it?*

*The witness: Yes. My son start cry, for sure, he was shaking, also me. Then I use to also think if I would be with him more angry I was really, and I used to shout to him because, "What are you doing!" I used to tell him. And then my son was very nervous also, always, always our relationship maybe every day it was like that for example not only breaking things, shouting, make my son scared, and also to tell me to say to me that I want with you to have sexual contact, sorry*

*but many times I was I had with him because of my son to not to make him scared, that is why."*

F'okkażżjoni oħra l-akkużat kisser wkoll basket tal-ħwejjeġ waqt argument li kellu mal-parte civile, liema argument jidher wkoll li kellu s-sors tiegħu l-fatt li l-parte civile kienet irrifjutat li jkollha x'taqsam sesswalment miegħu.

Id-difiża bl-ebda mod u manjiera ma ippruvat tikkontesta l-veraċita tar-ritratti esebiti u ta' dak li sostniet il-parte civile; infatti fil-kontro-eżami li sar lill-parte civile ma ssir l-ebda riferenza għal dawn id-dokumenti u għar-raġunijiet li hija tat għalfejn l-akkużat kien qiegħed jadotta tali atteġġjament.

Inċident ieħor bejn il-partijiet seħħ meta sar kuntatt mal-akkużat da parti tac-Child Protection Services biex jiġi iffirmat ftehim bejniethom rigward kif il-partijiet kellhom jieħdu ħsieb lill-minuri. Il-parte civile tistqarr:

*"Inspector Keith Xerri: But why was your son in danger ? Explain this. Because this is important.*

*The witness: because then he called me and he starts so badly to me, shouting, I start shaking because I have no mother, no sister here, only*

> *friends, and I do not know what to do. And I start shaking, I told his father, "I cannot go at home now because I am afraid of the shouting on me.' He told me: 'Ugly bitch, I will kill you. Tell your bitch social worker Kelly that I will not sign and I will take her to the Court,' and he was very angry with me. So I told I cannot go home. What shall I do ? Then I text to my social worker and she told me …. I told her if it is available for me, please, in the shelter, on room, please take me there. And she told me, she called them and they told her there is no available."*[7]

Minn dak li spjegat il-parte civile fix-xhieda tagħha, dan kollu ma kienx incident ta' darba. Kien hemm diversi inċidenti li waslu sabiex ħolqu fil-parte civile sensazzjoni ta' biża li se tintuża vjolenza kontra tagħha, tant li sa fl-aħħar iddeċidiet għall-fini tas-sigurta tagħha li titlaq mid-dar tar-residenza li ipprovdewlha l-familjari tal-akkużat u tmur ġo shelter. L-akkużat stess jirrikonoxxi n-nuqqasijiet tiegħu fil-konfront tal-parte civile. Infatti fil-messaġġ li huwa bagħat lill-parte civile fit-tletin (30) ta' Lulju 2024 huwa jiskuża ruħu u jgħidilha: *"I'm telling you sorry cos I feel sorry for you you don't' deserve like that."*[8] Huwa ċar kif l-akkużat kien konxju li ma kienx qiegħed jimxi b'mod sew mal-istess parte civile u

[7] Fol. 24 tal-proċess.
[8] Ara Dokument EC 1 esebit mill-parte civile fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru 2024.

omm ibnu.  Din l-ewwel akkuża ġiet għalhekk sodisfaċentement ippruvata.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 251A(1)(a) tal-Kap. 9</u>**

Għar-rigward din l-akkuża in materja legali jingħad li l-għan wara l-introduzzjoni tal-artikolu 251A tal-Kap.9 kien li tiġi kriminalizzata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju lill-persuna oħra. Għalkemm, il-leġislatur naqas li jiddefinixxi x'jikkostitwixxi fastidju, jidher li dan ir-reat ġie meħud mill-'Protection of Harassment Act 1997' tar-Renju Unit.[9] L-Archbold huwa u jikkummenta fuq dan l-Att tal-1997 jgħid:

> *"The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of harassment' in the Act, it was*

[9] Ara sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Grazzio Falzon***, deċiża fid-29 ta' Ottubru 2019.

*legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable."*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spet. Elton Taliana) Vs Denise Falzon***,[10] il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkummentat hekk b'riferenza għal dan ir-reat:

*"Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-*

[10] Deċiża fid-29 ta' Novembru 2018.

*fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imġieba li qed toħloq fastidju u dik li toħloq sempliċement inkonvenjent. … Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. (Il-Pulizija vs Massimo Tivisini) Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn '...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose"*

Minn eżami tal-atti proċesswali, din il-Qorti ma tistax tara li fil-każ in diżamina kien hemm *"stalking"* jew azzjonijiet da parti tal-akkużat li kienu sempliċiment intiżi biex idejqu jew jivvessaw lill-parte civile jew jikkawżalha *"emotional distress"*. Meta ma kinitx qed tgħaddi tiegħu jew ma jsirx kif irid hu, l-akkużat kien jitlef ir-raġuni u jaġixxi b'mod li joħloq **sensazzjoni ta' biża'** fil-parte civile li se tintuża' vjolenza kontra tagħha. Anke ibnu minuri stess kien jispiċċa jibża' bl-atteġġjament ta' missieru. Huwa ċar li din it-tip ta' mġieba da parti tal-akkużat kienet

intiża sabiex huwa jkun jista' jiddetta x'jiġri u ma jiġrix u jkun jista' jieħu dak li jrid. Dan mhux l-element materjali rikjest għall-fini tal-artikolu 251A tal-Kap. 9; iżda huwa l-element materjali tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B. Huwa għalhekk li l-Qorti sabet ħtija fl-akkużat għall-ewwel akkuża u mhux sejra issib ħtija fl-akkużat għal din it-tieni akkuża.

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 339(1)(e)</u>**

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Frendo</u>**[11] il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkummenta hekk fuq din il-kontravvenzjoni:

> *"Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band 'oħra fil-Kodiċi, e.z. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta tal-istess agent."*

Din l-akkuża ġiet pruvata wkoll. Kif ġia ingħad aktar qabel f'din is-sentenza mix-xhieda tal-parte civile irriżulta kif l-akkużat hedded lill-parte civile kemm -il darba li huwa kien sejjer joqtolha.[12] Din it-theddida l-parte civile tagħmel riferenza għaliha wkoll kemm fir-rapport li hija

[11] Deċiża fis-7 ta' Lulju 1995.
[12] Fol. 23 tal-proċess.

għamlet mal-Pulizija u anke f'dak li hija qalet lis-social workers meta huma kien qegħdin jagħmlu d-*danger assessment report*. Fix-xhieda tagħha l-parte civile tirreferi wkoll kif l-akkużat kien kemm -il darba jgħajjarha *"ugly bitch"*.[13] Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi wkoll sabiex issib ħtija fl-akkużat għal din l-akkuża.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Għalkemm l-artikolu 251B jikkontempla piena ta' priġinuerija għal żmien sena sa sentejn jew multa ta' mhux anqas minn sitt elef u ħames mitt ewro (€ 6,500) jew it-tnejn, iċ-ċirkostanzi tal-każ jiddettaw li l-Qorti ma tmurx għal din it-tip ta' piena. L-akkużat għandu problema mhux żgħira ta' abbuż mid-droga u anke problema tax-xorb. Is-sitwazzjoni familjari tiegħu eskalat minħabba dawn l-abbużi, aspett li b'mod indirett tikkonfermah omm l-akkużat stess fix-xhieda li hija tat. Il-Qorti tifhem li l-omm tibqa' dejjem l-omm u qatt m'hija se tasal biex iddur kontra binha. Għalkemm fix-xhieda tagħha hija għamlet l-aħjar li setgħet biex ma titfax lil binha f'dawl ikrah, huwa ċar li binha għandu problemi serji u jeħtieġ l-għajnuna b'mod immedjat. Billi tiġi imposta sentenza ta' priġunerija effettiva jew inkella multa jew it-tnejn, l-akkużat mhux sejjer ikun qed jingħata l-għajnuna li jeħtieġ sabiex joħroġ miċ-ċirku vizzjuż li spiċċa fih; anzi l-probabbilita hija li huwa jmur għall-agħar. Huwa għalhekk li din il-Qorti qed tagħżel li tqiegħed lill-akkużat taħt ordni ta'

[13] Ibid. Ara wkoll xhieda tal-parte civile mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2024.

probation flimkien ma' treatment order fi sforz sabiex huwa jirriforma ruħu.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tat-tieni (2) akkuża u għalhekk qed tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 251B(1) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat Francesco Casarini **ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu**.

In kwantu għall-piena li għanda tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif elaborat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' *probation*.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati Francesco Casarini taħt Ordni ta' *Probation* għal **perijodu ta' tliet snin** mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess Francesco Casarini jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-

kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Francesco Casarini bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation u Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Francesco Casarini.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati **kull tlett (3) xhur**.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb id-diffikutajiet relatati mal-problema tal-abbuż

mid-droga, alkoħol u *anger management*, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **għal perijodu ta' tlett snin** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Finalment wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittma Elza Casarini. L-ordni qed tiġi magħmula **għal żmien tlett (3) snin mil-lum** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni ta' trażżin. B'dan illi l-Qorti qiegħda tagħmilha ċara li tali ordni ta' trażżin m'għandhiex tkun ta' ostakolu sabiex il-ħati jkollu aċċess għall-ibnu minuri. Dan suġġett għall-kundizzjonijiet li tista' timponi l-Qorti kompetenti għar-rigward l-eżerċizzju ta' tali aċċess.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur